*L-exceptio non adempliti contractus*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2019**

**Numru 5**

**Rikors Numru 1045/09TA**

**S.A.L.P.A. Ltd (C 27996)**

**vs**

**Tigullio S.r.l**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tas-Soċjetà Attrici ppreżentat fit-28 ta' Ottubru 2009 u maħluf fl-istess data minn Patrick Vella in rappresentanza tal-istess Soċjetà Attriċi li permezz tiegħu talbet is-segwenti:-

"1. Illi permezz ta' skrittura tas-6 ta' Frar 2003 il-kumpannija intimata nnominat lir-rikorrenti bħala aġent u disributur esklussiv tagħha fil-gżejjer ta' Malta, Għawdex u Kemmuna u dan għal prodotti kollha tal-intimati, inklużi dawk li jirriżultaw fil-katalogi "Tigullio dive Scuba", "Tigullio dive Apnea", "Tigullio dive T52" u oħrajn;

2. Illi r-rikorrenti qdiet id-dmirijiet tagħha skond il-kuntratt u ġabet 'il quddiem in-negozju tal-prinċipal tagħha f'Malta tant li llum il-ġurnata il-"brands" tal-intimata huma ferm magħrufa f'Malta.

3. Illi f'dawn l-aħħar xhur il-kumpannija intimata ma baqgħetx tissupplixxi r-rikorrenti bil-prodotti rikjesti u effettivament itterminat ir-relazzjoni kontrattwali eżistenti sa dakinhar.

4. Illi inoltre l-intimata għamlet dikjarazzjonijiet pubbliċi li poġġew f'inċertezza l-bejgħ futur tal-istokk f'idejn ir-rikorrenti.

5. Illi l-intimata ma tat ebda notice ta' terminazzjoni skond kif prevvist mill-kuntratt.

6. Illi jidher li aġir tal-intimati hija parti minn strataġemma sabiex in-negozju fil-"brands" in kwistjoni jgħaddu għand ħaddieħor.

7. Illi bl-aġir tagħhom l-intimati kkaġunaw danni lir-rikorrenti u dan kif ser jiġi ppruvat u spjegat waqt is-smiegħ tal-kawża.

8. Illi nterpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni l-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Jitolbu għalhekk ir-rikorrenti li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeċiedi u taqta' din il-kawża billi:-

1. Tiddikjara li l-intimati tterminaw ir-relazzjoni kontrattwali ta' distribuzzjoni u aġenzija stabbilita bil-kuntratt tas-6 ta' Frar 2003 mingħajr ebda ħtija tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara li bit-terminazzjoni tal-kuntratt de quo l-intimata kkaġunat danni lir-rikorrent;

3. Tillikwida d-danni u kull kumpens ieħor dovut lir-rikorrenti skond il-liġi naxxenti mit-terminazzjoni tal-kuntratt de quo;

4. Tikkundanna l-intimata tħallas id-danni likwidati bl-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li huma minn issa inġunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá Konvenuta ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 2010 u maħlufa fl-istess data minn Dr. Geraldine Spiteri li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

"1. Illi fis-6 ta' Frar 2003, is-soċjeta` konvenuta ħatret lis-soċjeta` attriċi bħala aġent u distributur tal-merkanzija tas-soċjeta` konvenuta, liema kuntratt kien jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2003;

2. Illi ai termini tar-raba' klawsola tal-kuntratt, il-partijiet kellhom jgħarrfu lil xulxin permezz ta' ittra jekk riedu jġeddu l-kuntratt: "*Il presente contratto e` valido dal 01/01/03 al 31/12/03 e puo` essere rinnovato annualmente a mezzo lettera di rinnovo, salvo che venga rescisso da una delle due parti a mezzo raccomandata tre mesi prima della scadenza e con valide ragione*". Illi t-tiġdid qatt ma sar minn ebda parti, u għaldaqstant il-partijiet m'għandhomx jitqiesu illi għadhom marbutin b'xi kuntratt, l-aktar fir-rigward ta' l-esklussivita` ta' l-aġenzija; illi ma kien jeħtieġ ebda ittra sabiex il-kuntratt jiskadi, u l-ittra ta' terminazzjoni hija kkontemplata biss fil-każ illi l-kuntratt ried jiġi terminat qabel xi perjodu ta' skadenza;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-partijiet baqgħu jinnegozjaw u s-soċjeta` konvenuta ma waqfitx tipprovdi merkanzija lis-soċjeta` attriċi, ħlief meta din waqfet tħallas l-ammonti dovuti għall-merkanzija kif kienet obbligata li tagħmel; illi fil-fatt jeżistu fatturi mhux imħallsa u qed tiġi ppreżentata kontrotalba kontestwalment ma' din ir-risposta;

4. Illi s-soċjeta` konvenuta għadha topera u qatt ma għamlet xi dikjarazzjonijiet li setgħu kienu ta' preġudizzju għas-soċjeta` konvenuta; illi di piu` ma tressqet ebda prova dokumentarja mar-rikors ġuramentat promotur u għaldaqstant din l-allegazzjoni għandha tiġi skartata.

5. Illi hija s-soċjeta` attriċi illi hija debitriċi tas-soċjeta` konvenuta, kif se jintalab fil-kontro-talba.

Għaldaqstant it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha għas-soċjeta` attriċi."

Rat li s-Soċjetá Konvenuta pprevaliet ruħha mit-talbiet attriċi u ppreżentat kontro-talba fil-21 ta' Ottubru 2010 li permezz tagħha ssottomettiet is-segwenti talbiet rikonvenzjonali:-

"1. Illi s-soċjeta` attriċi rikonvenzjonata pprovdiet lis-soċjeta` konvenuta rikonvenzjonata merkanzija konsistenti fi prodotti li kellhom jiġu mibjugħa f'Malta taħt kuntratt ta' aġenzija (kopja annessa u mmarkata Dok A);

2. Illi saru diversi konsenji ta' merkanzija lis-soċjeta` konvenuta rikonvenzjonata, din għad għandha bilanċ pendenti favur is-soċjeta` attriċi rikonvenzjonata, li jammonta għal tlieta u għoxrin elf tliet mija u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€23,373.79), flimkien ma' interessi bir-rati kkontemplati fl-artikolu 26A et seq. tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap 13) sa mid-data ta' l-aħħar fattura (kopja tal-prospett anness u mmarkat Dok B);

3. Illi minkejja li ntbagħtu diversi fatturi u ittri li ntbagħtu lilha (kopja ta' l-ittra bonarja mibgħuta f'isem is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata annessa u mmarkata Dok C), is-soċjeta` konvenuta rikonvenzjonata baqgħet inadempjenti u dan l-ammont għadu dovut;

Għaldaqstant is-soċjeta` attriċi rikonvenzjonata titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta rikonvenzjonata hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi rikonvenzjonata fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf tliet mija u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€23,373.79), flimkien ma' interessi bir-rati kkontemplati fl-artikolu 26A et seq. tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap 13) sa mill-1 ta' Diċembru 2008 sad-data tal-ħlas effettiv, bl-ispejjeż ta' din il-kawża."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetà Attriċi għall-azzjoni rikonvenzjonali tas-Soċjetá Konvenuta datata 16 ta' Novembru 2010, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"Dwar il-fatti

1. Illi l-oġġetti li ġew konsenjati lill-attriċi, li jikkonsistu f'apparat tad-diving ma jistgħax jintuża għall-iskopijiet li ġie kkonsenjata minħabba raġunijiet imputabbli biss lill-kumpannija Tigullio s.r.l. u fil-fatt ma ntużawx mill-attriċi u nżammew mingħajr preġudizzju. Fost l-oħrajn l-apparat in kwistjoni ma hijiex koperta minn garanzija, ħaġa inaċċettabbli meta wieħed jifhem li l-ħajja ta' bniedem jista' jiddependi minnha. L-attriċi għalhekk ma tistgħax tuża l-ekwipagament lilha kkonsenjat u sakemm din is-sitwazzjoni tippersisti ma jista' jintalab ebda ħlas.

2. Illi l-esponenti ttenni għal kull bwon fini dak minnha dikjarat fir-rikors ġuramentat promotorju.

3. Illi l-fatti dikjarati mill-konvenuti fit-talba rikonvenzjonali tagħhom huma għalhekk miċħuda bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Eċċezzjonijiet

1. Preliminarjament in-nullita tar-risposta ġuramentata u tal-kontrotalba billi ma fihiex id-dikjarazzjoni rikjesta mil-liġi li l-persuna li qiegħda taħlef ir-risposta u l-kontrotalba għandha r-rappresentanza ġiuridika meħtieġa tal-kumpannija intimata;

2. Preliminarjament ukoll l-irritwalita` tar-risposta ġuramentata u tal-kontrotalba billi dawn ma ġewx ippreżentati entro t-terminu rikjest mil-liġi;

3. Illi l-ħlasijiet mitluba mill-kumpannija Tigullio srl ma humiex dovuti lilha billi l-oġġetti in kwistjoni ma humiex tal-kwalita pattwita u ma jistgħux jintużaw għall-iskop li għaliha ġew ikkonsenjati kif ukoll għaliex il-kumpannija Tigullio srl hi nnifisha debitriċi tal-attriċi kif premess fiċ-ċitazzjoni promotorju.

4. Illi t-talbiet tal-kumpannija Tigullio srl huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 2011 li fih is-Soċjetá Attriċi irtirat t-tieni eċċezzjoni preliminari rikonvenzjonali;

Rat il-verbal tat-18 ta' Ottubru 2011 li fih is-Soċjetá Attriċi irtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari rikonvenzjonali;

Rat l-avviż tat-13 ta' Frar, 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa mħollija għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Mejju 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Permezz ta' ftehim iffirmat bejn il-partijiet datat 6 ta' Frar 2003 (fol 5 u 31), is-Soċjetá Konvenuta nnominat lis-Soċjetá Attriċi bħala l-aġent u distributriċi esklussiva f'Malta, Għawdex u Kemmuna tal-prodotti kollha tas-Soċjetá Konvenuta, inkluż dawk li jirriżultaw fil-katalogi Tigullio dive Scuba, Tigullio dive Apnea u Tigullio dive T52.

Skont ir-raba' klawżola dan il-ftehim kien validu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2003 u seta' jiġi mġedded permezz ta' ittra jew jiġi rexiss tlett xhur qabel permezz ta' rakkomandazzjoni:

"Il presente contratto è valido dal 01/01/03 al 31/12/03 e puòessere rinnovato annualmente a mezzo lettera di rinnovo, salvo che venga rescisso da una delle due parti a mezzo raccomandata tre mesi prima della scadenza e con valide ragioni."

Il-ftehim imsemmi ma ġiex mġedded skont kif prefiss fl-istess u għaldaqstant skada fil-31 ta' Diċembru 2003. Minkejja li l-ftehim kien skada, l-partijiet baqgħu jagħtu effett għal dan il-ftehim li kien jirregola n-negozju ta' bejniethom. Il-partijiet baqgħu joperaw flimkien fuq il-bażi tal-

imsemmi ftehim għal numru ta' snin oħra sakemm inħolqot il-lanjanza mertu ta' din il-kawża (ara affidavit tad-direttur tas-oċjetá attriċi a' fol 98, affidavit ta' Giuseppe Mangiamelli a' fol 147, kontro-eżami Giuseppe Mangiamelli a' fol 390).

**Punti ta' Liġi**

B'din l-azzjoni s-Soċjetá Attriċi qiegħda tippretendi ħlas ta' kumpens u danni minħabba li, skontha, "il-kumpanija intimata ma baqgħetx tissupplixxi r-rikorrenti bil-prodotti rikjesti u effettivament itterminat r-relazzjoni kontrattwali eżisteni sa dak inhar" mingħajr "ma tat ebda notice ta' terminazzjoni skond kif prevvist mill-kuntratt" (ara premessa numru 3 u 5).

Dejjem skont is-Soċjetá Attriċi, is-Soċjetá Konvenuta inoltre "għamlet dikjarazzjonijiet pubbliċi li poġġew f'inċertezza il-bejgħ futur tal-istokk eżistenti f'idejn ir-rikorrenti" bħala "parti min strataġemma sabiex in-negozju fil-"brands" in kwistjoni jgħaddu għand ħaddieħor." (ara premessi 4 u 6).

B'din l-azzjoni għalhekk is-Soċjetá Attriċi qed tippretendi ħlas ta' kumpens u danni minħabba ksur unilaterali tal-kuntratt in kwistjoni abbażi tal-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili, li "jistabilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għal kull xorta ta' obbligazzjonijiet, u jagħti azzjoni għad-danni kontra min

jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh" (**Raffaele Mallia** ***vs.*** **Francesco Portanier et**, **Appell Ċivili, 27 ta' April, 1936).**

Id-danni li tirreferi għalihom il-liġi huma dawk kontemplati fl-artikolu 1135, jiġifieri telf li bata u l-qligħ li jkun intilef. Fis-Sentenza **Saviour Muscat vs Sam Pantalleresco datata 20 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)** intqal li "*Naturalment, in kwantu l-Artikolu 1135 suċitat isemmi sija t-telf subit sija l-gwadann mankat, id-disposizzjoni ma tistax ma tkunx interpretata u intiża bħala espressjoni ta' dak il-prinċipju li ma jkunx riżarċit biss il-valur ta' l-oġġett fis-suq iżda, ukoll, il-konsegwenzi patrimonjali negattivi kollha li l-inadempjenza ġġib fis-seħħ. Li jfisser, allura, sija d-dannu emerġenti, kif ukoll il-lucrum cessans. Dan f'sens reali u mhux sempliċement ipotetiku jew dipendenti minn fatturi inċerti;".*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Is-Soċjetá Konvenuta laqgħet għal din l-azzjoni billi, inter alia, eċċepiet li hija ma waqfitx tipprovdi merkanzija lis-Soċjetá Attriċi ħlief meta din waqfet tħallas l-ammonti dovuti għall-merkanzija hekk supplita lilha (ara eċċezzjoni numru 3). Is-Soċjetá Konvenuta invokat b'dan il-mod l-*exceptio inadempleti contractus* jew, kif inhi aħjar magħrufa, l-eċċezzjoni *inademplenti non est ademplendum*. Din l-eċċezzjoni tifforma l-bażi ewlenija tal-kontro-talba li s-Soċjetá Konvenuta istitwit kontra s-Soċjetá Attriċi għar-riżarċiment tal-ammont dovut bħala ħlas tal-merkanzija hekk konsenjata.

It-tagħlim fuq din l-eċċezzjoni insibuh fis-Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell , per imħallef Philip Sciberras, deċiża fl-20 t'Ottubru 2003 fl-ismijiet **Engineering Services Limited vs Reuters Malta Limited**:

"*hu paċifikament akkolt illi tali eċċezzjoni "tista' tiġi sollevata b'mod ġenerali relativament għall-kuntratti sinallagmatiċi jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-liġi tipprovdi għaliha speċifikatament, u b'barra minn dan l-eċċezzjoni tista' tiġi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt bis-saħħa tal-patt kommissorju taċitu" – "***Carmelo Cremona –vs- Victor Angilieri***", Prim'Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 11 ta' Ottubru 1966. L-eċċezzjoni hi għalhekk maħsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra rriskju ta' l-inadempiment da parte ta' dak ħaddieħor li miegħu kkuntrattat. F'dan is-sens hi orjentata l-ġurisprudenza tagħna.*

*Gwida apprezzevoli għall-insenjamenti kontenuti fiha hi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali tat-12 ta' Marzu 1965 fil-kawża fl-ismijiet "***Emmanuele Aquilina –vs- Salvatore Aqilina et***". Fiha jingħad illi "din l-eċċezzjoni hi poter mogħti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' ċerti ċirkostanzi, hu jista' jastjeni ruħu milli jadempixxi l-prestazzjoni tiegħu. B'dik l-eċċezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minħabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess eżegwixxa l-obbligazzjoni tiegħu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni".*

*F'dawn id-deċiżjonijiet appena riferiti jingħad li r-rekwiżiti biex din l-eċċezzjoni tirnexxi huma li (1) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tiegħu li jkun parti integrali tal-fehim; (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (3) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenzi tal-partijiet, ċioe' li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament għal prestazzjoni li hu jesiġi minn għand il-konvenut, ikun ta' ċerta gravita`....*

*Fil-kumpless tagħhom dawn il-mankanzi ma jistgħux fil-fehma anke ta' din il-Qorti jitqisu trivjali, u l-inadempjenza, s-serjeta` u d-durata tagħhom, ma jistgħux jiġu injorati sempliċiment għaliex fil-fehma ta' l-appellanti ma nġiebet l-ebda prova teknika. Kif ritenut fid-dottrina u l-ġurisprudenza taljana, "l'eccezione d'inadempimento e` generalmente ritenuta opponibile non solo nel caso di inadempimento, bensi` anche nel caso di inesatto adempimento, piu` precisamente qualificata come "non rite adempleti contractus"." (***Persico*** *"L'eccezzione d'inadempimento")*

*Issa filwaqt li fil-każ tas-sempliċi inadempiment "il fondamento dell'eccezzione non deve essere provato dall'eccepiente convenuto; sara` invece l'attore che dovra` dare la prova di avere gia adempiuto o di essere pronto ad adempiere (***C 98/5306***) – għalkemm f'sens kuntrarju irid jingħad ukoll illi teżisti ġurisprudenza li ssostni li "spetterebbe all'eccipiente dare la prova dell'inadempimento dell'attore" (***C 81/6670***) – fil-każ tal-eċċezzjoni "non rite adempleti contractus" hemm konkordanza*

*illi "graverebbe sull'eccipiente l'onere di dimostrare tale inesattezza (**C 00/1457**; **C 96/9825**).*

*Applikat dan it-tagħlim għal każ tagħna, anke mingħajr il-prova teknika, li del resto ma kienetx hekk impellenti li ssir, is-soċjeta` konvenuta irnexxielha tiddiżimpenja loneru, kemm jekk si trattava ta' inadempjenza ġenerika kemm jekk si tratta minn inadempjenza kwalifikata, kif fuq manifest, illi s-soċjeta` attriċi ma adempietx doverosament il-prestazzjonijiet kontrattati minnha. Din l-inadempjenza ma kenitx waħda marġinali in kwantu, kif dimostrat, kienet teffettwa l-kważi ġeneralita` tax-xogħol intrapreż mill-attur ("**Carmelo Mallia -vs- Ivan John Fonk**", Appell Ċivili, 24 ta' Jannar 1975). B'konsegwenza meta tirriżulta l-eżistenza ta' ċerta gravita` fl-inadempjenza, l-konvenut, kif ritenut, għandu d-dritt ikollu jopponi l'"exceptio non rite adempleti contractus" ("**Francis Spiteri nomine -vs- Emmanuele Cassar**", Appell Ċivili, 14 ta' Marzu 1975; "**Norman Spiteri et nomine vs Avukat Giuseppe Borg Olivier de Puget nomine**", Appell Kummerċjali, 15 ta' Novembru 1989)."*

Is-Soċjetá Attriċi ma ġabet l-ebda prova kuntrarja għal din l-inadempjenza eċċepita mis-Soċjetá Konvenuta. Anzi ġiet ammessa minnha stess fl-affidavit ta' Patrick J. Vella (ara l-aħħar erba paragrafi a' fol 100). Kemm hu hekk is-Soċjetá Attriċi tilqa għall-azzjoni rikonvenzjonali billi ssostni li l-ammont ma huwiex dovut mhux għax il-merkanzija ma ġietx hekk ikkonsenjata iżda għax il-merkanzija hekk konsenjata ma hijiex tal-kwalitá

pattwita (ara eċċezzjoni numru 3 a' fol 52). Dan fuq ir-raġuni li l-merkanzija hekk konsenjata ma tista tissarraf f'ebda garanzija minħabba li s-Soċjetá Konvenuta falliet fl-2008 (ara affidavit ta' Patrick J. Vella paġna 99 paragrafi 3 u 4 u affidavit Salvatore Cammerino a' fol 110). Dan ifisser li skont is-Soċjeta' Attriċi l-kwistjoni tal-kwalita pattiwta titnisel mill-fatt, li skont is-Soċjeta' Konvenuta rikonvenzjonanti Tigullio hija falluta.

Fuq din l-allegazzjoni il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Il-kunċett ġuridiku tal-kwalita' pattwita huwa intrinsikament marbut mal-oġġett fih innifsu mertu ta' bejgħ. Biex ikun jista' jingħad li l-oġġett ma hux tal-kwalita' pattwita irid jirrikorri li l-oġġett konsenjat mhux bħal dak li jkun hemm ftehim dwaru. Sa fejn jirrigwarda dan il-prinċipju l-Qrati tagħna dejjem għallmu li *"in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*". (**Ara Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen", Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Frar, 1884**). Għalhekk l-ilment tas-Soċjeta' Attriċi f'dan ir-rigward ma jidħolx fl-estremi ġuridiċi rikjesti biex ikun ikkunsidrat bħala wieħed li jolqot il-kwalita' pattwita tal-oġġett. L-allegazzjoni tal-falliment tas-Soċjeta' Konvenuta ma jistax iwassal għas-suċċess tal-allegazzjoni l-oħra li l-oġġetti mertu ta' din il-Kawża ma humiex tal-kwalita' pattwita.

Iżda anke li kieku jrid jingħad is-segwenti :

1. Din l-allegazzjoni ġiet kategorikament miċħuda mis-Soċjetá Konvenuta (ara affidavit u kontro-eżami ta' Giuseppe Mangiamelli a' fol 148 para 6 u fol 394) li ppreżentat serje ta' dokumenti imfissra fin-nota tagħha biex jikkontradixi tali allegazzjoni ( a' fol 159 ).

2. Din l-allegazzjoni ma ġietx pruvata mis-Soċjetá Attriċi u dan kif jirrikjedi l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-dokumenti prodotti minnha kif spjegati fit-trattazzjoni tar-rappreżentant legali ma jurux b'konvinzjoni li s-Soċjetá Konvenuta falliet iżda merament jagħtu lok għal suppożizzjonijiet u konġetturi (a' fol 607 sa 614).

Id-dikjarazzjonijiet taż-żewġt iħwienet lanqas ma jikkostitwixxu prova konkludenti li l-oġġetti ġew fil-fatt hekk ritornati u li dawn ġew hekk ritornati kawża tal-falliment tas-Soċjetá Konvenuta (a' fol 101 u 105). Dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet, ma jagħtux spjega għalfejn kienu qed ikunu ritornati l-oġġetti imsemmija. Ma jsemmux li dawn qed ikunu ikunu ritornati minħabba r-raġuni msemmija mix-xhud f'paragrafu 12 tal-affidavit tiegħu. Li kieku s-Soċjetá Attriċi verament ġabret l-apparat li kienet qassmet f'Malta lil ħwienet tad-Diving skont kif sottomess fl-affidavit ta' Patrick J. Vella, ma kienx ikollha l-ebda problema tippreżenta l-fatturi relevanti (ara a' fol 100 para 13). Minflok is-Soċjetá Attriċi llimitat ruħha sabiex tippreżenta żewġ dikjarazzjonijiet ta' żewġt iħwienet u

"consignment agreement" li hija ffirmat ma wieħed min dawn iż-żewġt iħwienet. L-ebda minn dawn id-dokumenti ma jservu ta' għajnuna għal din il-Qorti sabiex tagħmel l-aċċertamenti tagħha u tasal għall-konklużjoni bbażata fuq fatti.

3. Il-fatt li s-Soċjetá Attriċi istitwit l-azzjoni odjerna kontra s-Soċjetá Konvenuta sena wara s-suppost falliment tagħha, iwassal lil din il-Qorti biex tifhem li s-Soċjetá Attriċi kienet taf li għadha teżisti u għalhekk ma hijiex falluta. Fir-rikors ġuramentat tagħha ebda ħin ma jingħad li s-Soċjeta' konvenuta kienet falliet. Anzi propju għaliex għadha ħajja u presumibilment finanzjarjament vijabbli qegħda titlob id-danni mingħandha. L-istess jista' jingħad għall-ittra bonarja a' fol 4 li s-Soċjetá Attriċi bagħtet lis-Soċjetá Konvenuta (a' fol 4 ). B'din l-ittra l-istat finanzjarju jew ta' falliment tas-Soċjeta' Konvenuta f'ebda ħin ma jissemma.

4. L-allegazzjoni ta' falliment ġiet aċċennata għall-ewwel darba mis-Soċjeta' Attriċi fir-risposta rikonvenzjonali (ara para 1 tar-risposta a' fol 52). Dan jikkontradixxi bis-sħiħ dak li s-Soċjetá Attriċi stess premettiet fir-rikors promotur bħala raġuni għad-dritt tad-danni pretiż minnha. L-allegazzjoni tas-Soċjetá Attriċi li l-merkanzija provduta lilha ma hijiex ta' kwalitá pattwita minħabba l-falliment tas-Soċjetá Konvenuta huwa fih innifsu kontradittorju, meta fl-att promotur hija qed tattribwixxi l-aġir tas-Soċjetá Konvenuta li waqfet tissupplixxi lilha l-merkanzija bħala "parti

minn strataġemma sabiex in-negozju fil-"brands" in kwistjoni jgħaddu għand ħaddieħor" (ara premessa 6 a' fol 2).

Bl-eċċezzjonijiet mogħtija għall-kontra talba, is-Soċjeta' Attriċi flok wieġbet b'mod konsistenti mal-pretensjonijiet tagħha fir-Rikors Ġuramentat, għażlet difiża fuq binarji għal kollox differenti u dan bil-ksur tal-prinċipju *electam una via non datur recursus ad alteram.* Filwaqt li sabiex tirrikjama d-danni bbażat ruħha fuq it-terminazzjoni kuntrattwali mingħajr id-debiti avviżi u di piu' li s-Soċjeta' Konvenuta mhux biss ma fallietx iżda riedet tgħaddi l-"brands" lil ħaddieħor, meta fil-kontro-talba ġiet mitluba l-ħlas ħadet linja difensjonali għal kollox differenti.

Dawn iż-żewġ raġunijiet huma intrinsikament konfliġġenti. Li kieku s-Soċjetá Attriċi verament kienet qed taħseb li s-Soċjetá Konvenuta waqfet tikkonsenjalha merkanzija għax falliet, kieku ma kienetx tippremetti li waqfet tikkonsenjalha l-merkanzija għaliex ddeċidiet tikkonsenja l-istess lil ħaddieħor. Sottomissjoni li lanqas ma hi verosimili billi ħlief għas-Soċjetá Attriċi ma hemm ebda aġent u distributur ieħor tas-Soċjetá Konvenuta f'Malta, Għawdex u Kemmuna (ara kontro-eżami ta' Giuseppe Mangiamelli a` fol 405 it-tieni faċċata u fol 406).

5. Anke li kieku din il-Qorti kellha taċċetta r-raġuni tas-Soċjetá Attriċi li l-merkanzija konsenjata lilha mis-Soċjetá Konvenuta ma hijiex ta' kwalitá pattwita għax ma tistax tissarraf f'ebda garanzija minħabba li s-Soċjetá Konvenuta falliet fit-2008, il-liġi xorta ma tippermettix lis-Soċjetá Attriċi li

arbitrarjament iżżomm l-oġġetti hekk konsenjati 'mingħajr preġudizzju' (ara risposta rikonvenzjonali fol 52 paragrafu 1 tal-parti ntestata 'Dwar il-fatti').

Ġie rilevat li "*Minn dak rinvenut fil-Kodiċi Ċivili jirriżulta li r-rimedji miftuħa lix-xerrej f'każ ta' vendita` huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427. Rimedji li fil-każ ta' l-ewwel artikolu bażat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mwegħda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta' l-oġġett mibjugħ, li jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob ukoll id-danni jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-każ tat-tieni, bażat fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, il-liġi wkoll tassenjalu d-dritt tal-għażla wara r-riċezzjoni ta' l-oġġett, jiġifieri jew li jirreċedi mill-bejgħ bl-azzjoni redibitorja jew li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti u li tirappreżenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejħa estimatorja; huma dawn ir-rimedji li l-liġi tipprovdi lix-xerrej*" (**JC Hydraulics Ltd v. Waste Control Services Limited**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 28 ta' Ġunju 2001).**

Fil-veritá s-Soċjetá Attriċi ma setgħetx twarrab id-drittijiet speċifikatament mogħtija lilha bil-liġi u mingħajr ma tuża r-rimedji preskritti tagħżel li żżomm f'idejha l-oġġetti hekk ikkonsenjati.

Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-verżjoni mogħtija minn Patrick J. Vella a` fol 100 (ara l-aħħar para) u Salvatore Cammerino a` fol 110 (para 9) li s-Soċjetá Konvenuta ntalbet tieħu l-oġġetti lura ma hiex verosimili.

Dan peress li din is-sottomissjoni hija in kunflitt ma dak sottomess fir-risposta rikonvenzjonali tas-Soċjetá Attriċi stess li qed iżomm dawn l-oġġetti mingħajr preġudizzju. Tali sottomissjoni hija wkoll in kunflitt mal-azzjoni istitwita mis-Soċjetá Attriċi għad-danni għaliex is-Soċjetá Konvenuta ma baqgħetx tissuplixxiha b'iktar prodotti.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, b'mod partikulari bl-ammissjoni tas-Soċjetá Attriċi li ma effettwatx il-ħlas, din il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li din is-Soċjeta' naqset milli tonora l-obbligazzjoni tagħha tal-pagamenti għall-oġġetti lilha kkonsenjati . Fil-verita' "*M'hemmx kwestjoni illi s-soċjeta` appellanti kienet fi ħtija jekk naqset li tonora l-obbligazzjoni tagħha tal-pagamenti kif preskritt fil-kuntratt.* (ara f'dan is-sens **AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 10 ta' Ottubru 2005; ara wkoll Joseph Demicoli et noe vs Angelic Mifsud pro et noe, Qorti tal-Appell, 12 ta' Frar 2016**). Isegwi li għandha għalhekk tintlaqa' t-talba rikonvenzjonali tas-Soċjetá Konvenuta għall-ħlas tal-ammont ta' €23,373.79 dovut lilha liema ammont ma ġiex kontestat mis-Soċjetá Attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tas-Soċjetá Konvenuta.

**Tiċħad it-talbiet attriċi**.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari rikonvenzjonali tas-Soċjetá Attriċi** peress li din ġiet irtirata fil-verbal tat-18 ta' Ottubru 2011.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni peliminari rikonvenzjonali tas-Soċjetá Attriċi** peress li din ġiet irtirata fil-verbal tal-11 ta Jannar 2011.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet rikonvenzjonali kollha rimanenti tas-Soċjetá Attriċi.

**Tilqa'** t-talba rikonvenzjonanti tas-Soċjetá Konvenuta u tiddikjara illi s-Soċjetá Attriċi rikonvenuta S.A.L.P.A. Ltd hija debitriċi tas-Soċjetá Konvenuta rikonvenjenti Tigullio srl fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf tliet mija u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€23,373.79) bl-imgħaxijiet legali mill-21 ta' Ottubru 2010 sal pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża għandhom ikunu kollha sopportati mis-Soċjetá Attriċi S.A.L.P.A. Ltd.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**